MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru. 12/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Grezzju Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Grezzju Vella bin Anthony u Mary nee Mercieca imwieled fl-1 ta' Jannar 1961 u residenti 'Qalb Ta Maria' Triq Borg Geritu (Karta ta' l-Identita` Nru 561(G) talli fis-sitta ta' Ottubru 2003 ghall-habta tal-11.30am waqt li kien fir-raba maghruf bhala 'Qasam San Gorg' Limiti ta Santa Lucija, Kercem, Ghawdex, minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita

dritt li jippretendi li ghandu fixkel lil Vincent Buhagiar fil-pussess ta’ hwejgu, billi ghadda mill-istess ghalqa permezz ta’ Tractor bin-numru tar-registrazzjoni CBJ 556.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil Vincent Buhagiar; PS 261 u lill-imputat Grezzju Vella jixhed minn jeddu;

Semghet il-provi tad-difiza u cioe lil Emmanuel Vella, Twanny Catania (rapprezentant Lands Department) u Lorry Apap in rapprezentanza tal-Lands Department;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-akkuza tinsab pruvata, anke min dak li xehed l-istess imputat u konsegwentement il-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------